**Dan it-test hu maħsub purament bħala għodda ta' dokumentazzjoni u m'għandu l-ebda effett legali. L-istituzzjonijiet tal-Unjoni m'għandhom l-ebda responsabbiltà għall-kontenut tiegħu. Il-verżjonijiet awtentiċi tal-atti rilevanti, inklużi l-preamboli tagħhom, huma dawk ippubblikati fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea u disponibbli f'EUR-Lex. Dawk it-testi uffiċjali huma aċċessibbli direttament permezz tal-links inkorporati f'dan id-dokument**

►B

# DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

**tal-5 ta' Frar 2010**

**dwar klawżoli kuntrattwali standard għat-trasferiment ta' dejta personali għall-proċessuri stabbiliti f'pajjiżi terzi, taħt id-Direttiva 95/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsil**

*(notifikata bid-dokument numru C(2010) 593)*

**(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

(2010/87/UE)

(ĠU L 39, 12.2.2010, p. 5)

Emendata minn:

| | | Ġurnal Uffiċjali | | |
|---|---|---|---|---|
| | | Nru | Paġna | Data |
| ►M1 | Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/2297 tas-16 ta' Diċembru 2016 | L 344 | 100 | 17.12.2016 |

▼B

**DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI**

**tal-5 ta' Frar 2010**

**dwar klawżoli kuntrattwali standard għat-trasferiment ta' dejta personali għall-proċessuri stabbiliti f'pajjiżi terzi, taħt id-Direttiva 95/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsil**

*(notifikata bid-dokument numru C(2010) 593)*

**(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

(2010/87/UE)

*Artikolu 1*

Il-klawżoli kuntrattwali standard stabbiliti fl-Anness huma kkunsidrati bħala li joffru salvagwardji adegwati fir-rigward tal-protezzjoni tal-privatezza u d-drittijiet u l-libertajiet fondamentali tal-individwi u fir-rigward tal-eżerċizzju tad-drittijiet korrispondenti kif mitlub mill-Artikolu 26(2) tad-Direttiva 95/46/KE.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni tirrigwarda biss l-adegwatezza tal-protezzjoni mogħtija mill-klawżoli kuntrattwali standard stabbiliti fl-Anness għat-trasferiment tad-dejta personali lill-proċessuri. Ma taffettwax l-applikazzjoni ta' dispożizzjonijiet nazzjonali oħrajn li jimplimentaw id-Direttiva 95/46/KE li jappartjenu għall-ipproċessar tad-dejta personali fl-Istati Membri.

Din id-Deċiżjoni għandha tapplika għat-trasferiment tad-dejta personali minn kontrolluri stabbiliti fl-Unjoni Ewropea lil reċipjenti stabbiliti barra t-territorju tal-Unjoni Ewropea li jaġġixxu biss bħala proċessuri.

*Artikolu 3*

Għall-finijiet ta' din id-Deċiżjoni, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

(a) "kategoriji speċjali ta" dejta' tfisser id-dejta msemmija fl-Artikolu 8 tad-Direttiva 95/46/KE;

(b) "awtorità ta' superviżjoni" tfisser l-awtorità msemmija fl-Artikolu 28 tad-Direttiva 95/46/KE;

(c) "esportatur tad-data" tfisser il-kontrollur li jitrasferixxi d-data personali;

(d) "importatur tad-data" tfisser il-proċessur stabbilit f'pajjiż terz li jaqbel li jirċievi data personali mingħand l-esportatur tad-data li hija maħsuba għall-ipproċessar f'isem l-esportatur tad-data wara t-trasferiment skont l-istruzzjonijiet tiegħu u skont din id-Deċiżjoni u li m'huwiex soġġett għal sistema ta' pajjiż terzi li tiżgura protezzjoni adegwata skont it-tifsira tal-Artikolu 25(1) tad-Direttiva 95/46/KE;

(e) "sottoproċessur" tfisser kull proċessur ingaġġat mill-importatur tad-dejta jew minn kwalunkwe sottoproċessur tal-importatur tad-dejta li jaqbel li jirċievi mingħand l-importatur tad-dejta jew minn kwalunkwe sottoproċessur ieħor tal-importatur tad-dejta, dejta personali maħsuba esklużivament għall-attivitajiet ta' pproċessar li

▼B

jsiru f'isem l-esportatur tad-dejta wara t-trasferiment skont l-istruzzjonijiet tal-esportatur tad-dejta, il-klawżoli kuntrattwali standard imfissra fl-Anness, u t-termini tal-kuntratt bil-miktub għas-sottoproċessar;

(f) "liġi applikabbli dwar il-protezzjoni tad-dejta" tfisser il-leġiżlazzjoni li tipproteġi d-drittijiet u l-libertajiet fundamentali ta' individwi u, b'mod partikolari, id-dritt tagħhom għall-privatezza fir-rigward tal-ipproċessar tad-dejta personali applikabbli għal kontrollur tad-dejta fl-Istat Membru fejn l-esportatur tad-dejta huwa stabbilit;

(g) "miżuri tekniċi u organizzattivi ta' sigurtà" tfisser dawk il-miżuri mmirati biex jipproteġu d-dejta personali kontra d-distruzzjoni jew telfien aċċidentali jew kontra l-liġi, tibdil, żvelar jew aċċess mhux awtorizzat, b'mod partikolari meta l-ipproċessar jinvolvi t-trażmissjoni tad-dejta fuq network, u kontra kull forma oħra ta' pproċessar kontra l-liġi.

▼M1

*Artikolu 4*

Kull meta l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri jeżerċitaw is-setgħat tagħhom skont l-Artikolu 28(3) tad-Direttiva 95/46/KE li jwasslu għas-sospensjoni jew il-projbizzjoni definittiva ta' flussi ta' dejta lejn pajjiżi terzi sabiex jipproteġu individwi fir-rigward tal-ipproċessar tad-dejta personali tagħhom, l-Istati Membri kkonċernati għandhom, mingħajr dewmien, jgħarrfu lill-Kummissjoni li għandha tgħaddi l-informazzjoni lill-Istati Membri l-oħra.

▼B

*Artikolu 5*

Il-Kummissjoni għandha tevalwa l-mod kif tkun qed taħdem din id-Deċiżjoni fuq il-bażi tal-informazzjoni disponibbli tlett snin wara li tiġi adottata. Hija għandha tissottometti rapport dwar is-sejbiet tagħha lill-Kumitat stabbilit taħt l-Artikolu 31 tad-Direttiva 95/46/KE. Għandha tinkludi kwalunkwe prova li tista' taffettwa l-valutazzjoni li tikkonċerna l-adegwatezza tal-klawżoli kuntrattwali standard fl-Anness u kwalunkwe prova li din id-Deċiżjoni qiegħda tiġi applikata b'mod diskriminatorju.

*Artikolu 6*

Din id-Deċiżjoni għandha tgħodd mill-15 ta' Mejju 2010.

*Artikolu 7*

1. Id-Deċiżjoni 2002/16/KE hija mħassra b'effett mill-15 ta' Mejju 2010.

2. Kuntratt konkluż bejn esportatur tad-dejta u importatur tad-dejta skont id-Deċiżjoni 2002/16/KE qabel il-15 ta' Mejju 2010 għandu jibqa' fis-seħħ u effettiv sakemm jibqgħu ma jinbidlux it-trasferimenti u l-operazzjonijiet tal-ipproċessar tad-dejta li huma l-oġġett tal-kuntratt u

▼B

d-dejta personali koperta b'din id-Deċiżjoni tibqa' tiġi trasferita bejn il-Partijiet. Fejn il-partijiet kontraenti jiddeċiedu li jagħmlu xi tibdiliet f'dan ir-rigward jew jagħtu l-operazzjonijiet tal-ipproċessar li huma l-oġġett tal-kuntratt b'sootkuntratt huma jkunu mitluba li jidħlu f'kuntratt ġdid li għandu jkun konformi mal-klawżoli kuntrattwali standard stipulati fl-Anness.

*Artikolu 8*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

▼B

*ANNESS*

**KLAWŻOLI KUNTRATTWALI STANDARD (PROĊESSURI)**

Għall-finijiet tal-Artikolu 26(2) tad-Direttiva 95/46/KE għat-trasferiment tad-dejta personali lill-proċessuri stabbiliti f’pajjiżi terzi li ma jiżgurawx livell adegwat tal-protezzjoni tad-dejta

L-isem tal-organizzazzjoni li se tesporta d-dejta: ...................................................

Indirizz: ........................................................................................................................

Tel. ..........................; feks: ..........................; Posta elettronika: ..........................

Informazzjoni oħra meħtieġa biex tiġi identifikata l-organizzazzjoni

.........................................................................................................................................

(**l-esportatur** tad-dejta)

Kif ukoll

L-isem tal-organizzazzjoni li se timporta d-dejta: ..................................................

Indirizz: ........................................................................................................................

Tel.. ..........................; feks: ..........................; Posta elettronika: ..........................

.........................................................................................................................................

(**l-importatur** tad-dejta)

kull wieħed huwa “parti”; flimkien “il-partijiet”,

QABLU fuq il-Klawżoli Kuntrattwali li ġejjin (il-Klawżoli) sabiex idaħħlu salvagwardji adegwati fir-rigward tal-protezzjoni tal-privatezza u d-drittijiet u l-libertajiet fundamentali tal-individwi għat-trasferiment tad-dejta personali speċifikata f’Appendiċi 1, mill-esportatur tad-dejta għall-importatur tad-dejta.

*Klawżola 1*

**Definizzjonijiet**

Għall-finijiet tal-Klawżoli:

(a) *“dejta personali”, “kategoriji specjali ta’ dejta”, “proċess/ipproċessar”, “kontrollur”, “proċessur”, “suġġett tad-dejta”* u “*awtorità ta’ superviżjoni*” għandu jkollhom l-istess tifsira bħal fid-Direttiva 95/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta’ Ottubru 1995 dwar il-protezzjoni ta’ individwi fir-rigward tal-ipproċessar tad-dejta personali u dwar il-moviment liberu ta’ dik id-dejta ([1]);

([1]) Il-parijiet jistgħu jirriproduċu definizzjonijiet u tifsiriet inklużi fid-Direttiva 95/46/KE fi ħdan din il-klawżola jekk jikkunsidraw li hekk ikun aħjar għall-kuntratt biex ikun indipendenti.

▼B

(b) "*l-esportatur tad-dejta*" tfisser il-kontrollur li jitrasferixxi d-dejta personali;

(c) "*l-importatur tad-dejta*" tfisser il-proċessur li jaqbel li jirċievi mingħand l-esportatur tad-dejta dejta personali li hija maħsuba għall-ipproċessar f'ismu wara t-trasferiment skont l-istruzzjonijiet u t-termini tal-klawżoli u li mhuwiex soġġett għal sistema ta' xi pajjiż terz li tiżgura protezzjoni adegwata skont it-tifsira tal-Artikolu 25(1) tad-Direttiva 95/46/KE;

(d) "*is-sottoproċessur*" tfisser kull proċessur ingaġġat mill-importatur tad-dejta jew minn kwalunkwe sottoproċessur tal-importatur tad-dejta li jaqbel li jirċievi mingħand l-importatur tad-dejta jew minn kwalunkwe sottoproċessur ieħor tal-importatur tad-dejta, dejta personali maħsuba esklużivament għall-attivitajiet ta' pproċessar li jsiru f'isem l-esportatur tad-dejta wara t-trasferiment skont l-istruzzjonijiet tiegħu, it-termini tal-Klawżoli, u t-termini ta' sottokuntratt bil-miktub;

(e) "*liġi applikabbli dwar il-protezzjoni tad-dejta*" tfisser il-leġiżlazzjoni li tipproteġi d-drittijiet u l-libertajiet fundamentali ta' individwi u, b'mod partikolari, id-dritt tagħhom għall-privatezza fir-rigward tal-ipproċessar tad-dejta personali applikabbli għal kontrollur tad-dejta fl-Istat Membru fejn l-esportatur tad-dejta huwa stabbilit;

(f) "*miżuri tekniċi u organizzattivi ta' sigurtà*" tfisser dawk il-miżuri mmirati biex jipproteġu d-dejta personali kontra d-distruzzjoni jew telfien aċċidentali jew kontra l-liġi, tibdil, żvelar jew aċċess mhux awtorizzat, b'mod partikolari meta l-ipproċessar jinvolvi t-trażmissjoni tad-dejta fuq network, u kontra kull forma oħra ta' pproċessar kontra l-liġi.

*Klawżola 2*

**Dettalji tat-trasferiment**

Id-dettalji tat-trasferiment u b'mod partikolari l-kategoriji speċjali tad-dejta personali fejn applikabbli huma speċifikati f'Appendiċi 1 li jifforma parti integrali mill-Klawżoli.

*Klawżola 3*

**Il-klawżola tal-parti terza benefiċjarja**

1. Is-suġġett tad-dejta jista' jinforza kontra l-esportatur tad-dejta din il-Klawżola, Klawżola 4(b) sa (i), Klawżola 5(a) sa (e), u (g) sa (j),Klawżola 6(1) u (2), Klawżola 7, Klawżola 8(2), u Klawżoli 9 sa 12 bħala parti terza benefiċjarja.

2. Is-suġġett tad-dejta jista' jinforza kontra l-esportatur tad-dejta din il-Klawżola, Klawżola 5(a) sa (e), u (g) sa (j),Klawżola 6, Klawżola 7, Klawżola 8(2), u Klawżoli 9 sa 12, f'każijiet fejn l-esportatur tad-dejta jkun fattwalment għeb jew ma jkunx għadu jeżisti legalment sakemm ma jkunx hemm entità suċċessur li tkun ħadet fuqha l-obbligi legali kollha tal-esportatur tad-dejta bil-kuntratt jew permezz tal-operat tal-liġi, u bħala riżultat ta' dan tieħu fuqha d-drittijiet u l-obbligi tal-esportatur tad-dejta, f'liema każ is-suġġett tad-dejta jkun jista' jinfurzahom kontra entità bħal din.

3. Is-suġġett tad-dejta jista' jinforza kontra s-subproċessur din il-Klawżola, Klawżola 5(a) sa (e), u (g) sa (j),Klawżola 6, Klawżola 7, Klawżola 8(2), u Klawżoli 9 sa 12, f'dawk il-każijiet fejn kemm l-esportatur tad-dejta kif ukoll l-importatur tad-dejta jkunu fattwalment għebu jew m'għadhomx jeżistu legalment jew spiċċaw insolventi, sakemm ma jkunx hemm xi suċċessur legali li jkun ħa fuqu l-obbligi legali kollha tal-esportatur tad-dejta bil-kuntratt jew permezz tal-operat tal-liġi, u bħala riżultat hu jieħu f'idejh d-drittijiet u l-obbligi tal-esportatur tad-dejta, f'liema każ is-suġġett tad-dejta jista' jinfurzahom kontra entità bħal din. Responsabbiltà bħal din ta' parti terza tas-sottoproċessur għandha tkun limitata għall-operazzjonijiet ta' pproċessar tagħha taħt il-Klawżoli.

▼B

4. Il-partijiet ma joġġezzjonawx għal suġġett tad-dejta li jkun irrappreżentat permezz ta' assoċjazzjoni jew korp ieħor jekk is-suġġett tad-dejta jkun jixtieq espressament hekk u jekk il-liġi nazzjonali tippermetti.

*Klawżola 4*

**Obbligi tal-esportatur tad-dejta**

L-esportatur tad-dejta jaqbel u jiggarantixxi:

(a) li l-ipproċessar, inkluż it-trasferiment innifsu, tad-dejta personali kien u se jibqa' jitwettaq b'konformità mad-dispożizzjonijiet relevanti tal-liġi applikabbli dwar il-protezzjoni tad-dejta (u, fejn applikabbli, ġie nnotifikat lill-awtoritajiet relevanti tal-Istati Membri fejn ikun stabbilit l-esportatur tad-dejta) u ma jiksirx id-dispożizzjonijiet relevanti tal-Istat.

(b) li hu ta struzzjonijiet u matul il-perjodu kollu tas-servizzi tal-ipproċessar tad-dejta se jagħti struzzjonijiet lill-importatur tad-dejta biex jipproċessa d-dejta personali trasferita biss f'isem l-esportatur tad-dejta u b'konformità mal-liġi applikabbli dwar il-protezzjoni tad-dejta u mal-Klawżoli;

(c) li l-importatur tad-dejta għandu jipprovdi garanziji suffiċjenti fir-rigward tal-miżuri tekniċi u organizzattivi ta' sigurtà speċifikati f'Appendiċi 2 ma' dan il-kuntratt;

(d) li wara l-valutazzjoni tal-liġi applikabbli dwar il-protezzjoni tad-dejta, il-miżuri ta' sigurtà jkunu xierqa biex jipproteġu d-dejta personali kontra distruzzjoni aċċidentali jew kontra l-liġi jew telfien aċċidentali, tibdil, żvelar jew aċċess mhux awtorizzat, b'mod partikolari meta l-ipproċessar jinvolvi t-trażmissjoni tad-dejta fuq network, u kontra kull forma oħra ta' pproċessar kontra l-liġi, u li dawn il-miżuri jiżguraw livell xieraq ta' sigurtà għar-riskji ppreżentati mill-ipproċessar u n-natura tad-dejta li qed tiġi protetta b'kunsiderazzjoni għall-istat avvanzat u l-ispiża tal-implimentazzjoni tagħhom;

(e) li hu jiżgura konformità mal-miżuri ta' sigurtà;

(f) li, jekk it-trasferiment jinvolvi kategoriji speċjali ta' dejta, is-suġġett tad-dejta jkun ġie infurmat jew ikun se jiġi infurmat qabel, jew mill-aktar fis possibbli wara t-trasferiment li d-dejta tiegħu tista' tiġi trażmessa lejn pajjiż terz u l-protezzjoni adegwata skont it-tifsira tad-Direttiva 95/46/KE mhix provduta;

(g) li jibgħat kwalunkwe notifika li tasal mill-importatur tad-dejta jew kwalunkwe sottoproċessur skont Klawżola 5(b) u Klawżola 8(3) lill-awtorità ta' superviżjoni tal-protezzjoni tad-dejta jekk l-esportatur tad-dejta jiddeċiedi li jkompli bit-trasferiment jew li jneħħi s-sospensjoni.

(h) li jagħmel disponibbli lis-suġġetti tad-dejta, fuq talba tagħhom kopja tal-Kawżoli, bl-eċċezzjoni tal-Appendiċi 2, kif ukoll deskrizzjoni fil-qosor tal-miżuri ta' sigurtà, kif ukoll kopja ta' kull kuntratt għas-servizzi ta' sottoproċessar li għandu jsir skont il-Klawżoli, sakemm il-Klawżoli jew il-kuntratt ikun fihom informazzjoni kummerċjali, u f'dan il-każ tkun tista' tneħħi informazzjoni kummerċjali bħal dan;

▼B

(i) li, fil-każ ta' sottoproċessar, l-attività ta' pproċessar titwettaq b'konformità ma' Klawżola 11 minn sottoproċessur fejn ikun provdut tal-anqas l-istess livell ta' protezzjoni għad-dejta personali u d-drittijiet tas-suġġett tad-dejta bħala l-importatur tad-dejta taħt il-Klawżoli; kif ukoll

(j) li hu jiżgura l-konformità ma' Klawżola 4 (a) sa (i).

*Klawżola 5*

**Obbligi tal-importatur tad-dejta** ([1])

L-importatur tad-dejta jaqbel u jiggarantixxi:

(a) li jipproċessa d-dejta personali biss f'isem l-esportatur tad-dejta u b'konformità mal-istruzzjonijiet tiegħu u mal-Klawżoli; jekk hu ma jistax jipprovdi tali konformità, tkun liema raġuni tkun, hu jaqbel li jinforma fil-pront lill-esportatur tad-dejta bl-inkapaċità tiegħu li jikkonforma, f'liema każ l-esportatur tad-dejta jkun intitolat li jissospendi t-trasferiment tad-dejta u/jew jittermina l-kuntratt;

(b) li m'għandu l-ebda raġuni għaliex jaħseb li l-leġiżlazzjoni applikabbli għalih twaqqfu milli jissodisfa l-istruzzjonijiet li jaslulu mill-esportatur tad-dejta u l-obbligi tiegħu skont il-kuntratt u li fil-każ ta' tibdil fil-leġiżlazzjoni li hu mistenni li jkollha effetti negattivi sostanzjali fuq il-garanziji u l-obbligi pprovduta mill-Klawżoli, hu jinnotifika fil-pront lill-esportatur tad-dejta bit-tibdil hekk kif isir jaf, f'liema każ l-esportatur tad-dejta jkun intitolat li jissospendi t-trasferiment tad-dejta u/jew jittermina il-kuntratt;

(c) li hu jkun implimenta l-miżuri tekniċi u organizzattivi ta' sigurtà speċifikati f'Appendiċi 2 qabel ma jipproċessa d-dejta personali trasferita;

(d) li hu jinnotifika fil-pront lill-esportatur tad-dejta dwar:

(i) kwalunkwe talba li torbot legalment għall-iżvelar tad-dejta personali mill-awtorità tal-infurzar tal-liġi sakemm ma jkunx ipprojbit b'mod ieħor, bħal projbizzjoni taħt liġi kriminali biex jippriżerva l-kunfidenzjalità tal-investigazzjoni dwar l-infurzar tal-liġi;

(ii) kwalunkwe aċċess aċċidentali jew mhux awtorizzat;

(iii) kwalunkwe talba li tasal direttament mis-suġġetti tad-dejta mingħajr ma jwieġeb għal dik it-talba, sakemm ma jkunx awtorizzat mod ieħor biex jagħmel hekk;

(e) li jitratta kif suppost u fil-pront il-mistoqsijiet kollha mill-esportatur tad-dejta relatati mal-ipproċessar tad-dejta personali suġġetta għat-trasferiment u li jimxi mal-pariri tal-awtorità tas-superviżjoni fir-rigward tal-ipproċessar tad-dejta trasferita;

([1]) Rekwiżiti mandatarji tal-liġi nazzjonali applikabbli għall-importatur tad-dejta li ma jmorrux lil hinn minn dak li hu meħtieġ f'soċjetà demokratika fuq il-bażi ta' wieħed mill-interessi elenkati fl-Artikolu 13(1) tad-Direttiva 95/46/KE, jiġifieri, jekk huma jikkostitwixxu miżura meħtieġa biex jissalvagwardjaw id-difiża tas-sigurtà nazzjonali, sigurtà pubblika, il-prevenzjoni, investigazzjoni, individwar u prosekuzzjoni ta' reati kriminali jew ta' ksur ta' etika għall-professjonijiet irregolati, interess importanti ekonomiku u finanzjarju għall-Istat jew il-protezzjoni tas-suġġett tad-dejta jew id-drittijiet u l-libertajiet- tal-oħrajn, mhumiex f'kontradizzjoni mal-klawżoli kuntrattwali standard. Xi eżempji ta' tali rekwiżiti mandatorji li ma jmorrux lil hinn minn dak li hu meħtieġ f'soċjetà demokratika huma, fost l-oħrajn, sanzjonijiet rikonoxxuti internazzjonalment, rekwiżiti ta' rrappurtar tat-taxxa jew rekwiżiti ta' rrappurtar ta' ħasil tal-flus.

▼B

(f) li fuq it-talba tal-esportatur tad-dejta jissottometti l-faċilitajiet tiegħu għall-ipproċessar tad-dejta għall-verifika tal-attivitajiet ta' pproċessar koperti mill-Klawżoli li għandhom jitwettqu mill-esportatur tad-dejta jew korp ta' spezzjoni magħmul minn membri indipendenti u li għandhom il-kwalifiki professjonali meħtieġa marbuta bid-dover tal-kunfidenzjalità, magħżula mill-esportatur tad-dejta, fejn applikabbli, bi qbil mal-awtorità tas-superviżjoni;

(g) li jpoġġi għad-dispożizzjoni tas-suġġett tad-dejta meta jintalab, kopja tal-Klawżoli, jew kwalunkwe kuntratt eżistenti għas-sottoproċessar, sakemm il-Klawżoli jew il-kuntratt ma jinkludux informazzjoni kummerċjali, f'liema każ ikun jista' jneħħi tali informazzjoni kummerċjali, bl-eċċezzjoni ta' Appendiċi 2 li postu għandu jittieħed minn deskrizzjoni fil-qosor tal-miżuri ta' sigurtà f'dawk il-każi fejn is-suġġett tad-dejta ma jkunx jista' jikseb kopja mill-esportatur tad-dejta;

(h) li, fil-każ tas-sottoproċessar, huwa jkun informa minn qabel lill-esportatur tad-dejta u kiseb il-kunsens bil-miktub minn qabel;

(i) li s-servizzi tal-ipproċessar mis-sottoproċessur ikunu mwettqa b'konformità mal-Klawżola 11;

(j) biex jibgħat fil-pront kopja ta' kwalunkwe ftehim mas-sottoproċessur li jkun ikkonkluda taħt dawn il-klawżoli lill-esportatur tad-dejta.

*Klawżola 6*

**Responsabbiltà**

1. Il-partijiet jaqblu li kwalunkwe suġġett tad-dejta, li sofra dannu bħala riżultat ta' kwalunkwe ksur tad-dispożizzjonijiet imsemmijin fil-Klawżola 3 jew Klawżola 11 minn kwalunkwe parti jew sottoproċessur huwa intitolat li jirċievi kumpens mill-esportatur tad-dejta għad-dannu soffert.

2. Jekk suġġett tad-dejta ma jkunx jista' jagħmel talba għall-kumpens skont il-paragrafu 1 kontra l-esportatur tad-dejta minħabba ksur min-naħa tal-importatur tad-dejta jew is-sottoproċessur tiegħu, jew kwalunkwe mill-obbligi tagħhom imsemmijin fi Klawżoli 3 jew fil-Klawżola 11 minħabba li l-esportatur tad-dejta jkun fattwalment għeb jew ma jkunx għadu jeżisti legalment jew ikun sar insolventi, l-importatur tad-dejta jaqbel li s-suġġett tad-dejta jista' jiftaħ pretensjoni kontra l-importatur tad-dejta daqslikieku kien l-esportatur tad-dejta, sakemm ma jkunx hemm entità suċċessur li tkun ħadet fuqha l-obbligi legali kollha tal-esportatur tad-dejta bil-kuntratt jew permezz ta' operat tal-liġi, f'liema każ is-suġġett tad-dejta jista' jinforza d-drittijiet tiegħu kontra entità bħal din.

L-importatur tad-dejta ma jistax jistrieħ fuq ksur min-naħa ta' sottoproċessur tal-obbligi tiegħu sabiex jevita r-responsabbiltajiet tiegħu stess.

3. Jekk suġġett tad-dejta ma jkunx jista jagħmel talba kontra l-esportatur tad-dejta jew l-importatur tad-dejta msemmijin f'paragrafi 1 u 2 minħabba ksur ta' kwalunkwe mill-obbligi msemmijin fi Klawżoli 3 jew fil-Klawżola 11 peress li kemm l-esportatur tad-dejta kif ukoll l-importatur tad-dejta jkunu fattwalment għebu jew ma jkunux għadhom jeżistu legalment jew ikunu saru insolventi, is-sottoproċessur jaqbel li s-suġġett tad-dejta jista' jiftaħ pretensjoni kontra s-sottoproċessur tad-dejta fir-rigward tal-operazzjoni tal-ipproċessar tiegħu stess skont il-Klawżoli daqslikieku kien l-esportatur tad-dejta jew l-importatur tad-dejta, sakemm ma jkunx hemm suċċessur legali li jkun ħa fuqu l-obbligi legali kollha tal-esportatur tad-dejta u l-importatur tad-dejta bil-kuntratt jew permezz ta' operat tal-liġi, u f'liema każ is-suġġett tad-dejta jista' jinforza d-drittijiet tiegħu kontra entità bħal din. Ir-responsabbiltà tas-sottoproċessur għandha tkun limitata għall-operazzjonijiet ta' pproċessar tiegħu stess taħt il-Klawżoli.

▼B

*Klawżola 7*

**Medjazzjoni u ġuriżdizzjoni**

1. L-importatur tad-dejta jaqbel li jekk is-suġġett tad-dejta jinvoka kontrieh id-drittijiet tal-parti terza benefiċjarja u/jew pretensjonijiet għal kumpens minħabba ħsarat taħt il-Klawżoli, l-importatur tad-dejta jaċċetta d-deċiżjoni tas-suġġett tad-dejta:

(a) li jirreferi t-tilwima għal medjazzjoni, permezz ta' persuna indipendenti jew, fejn applikabbli, permezz ta' awtorità ta' superviżjoni;

(b) li jirreferi t-tilwima lill-qrati fl-Istat Membru li fih ikun stabbilit l-esportatur tad-dejta.

2. Il-partijiet jaqblu li l-għażla magħmula mis-suġġett tad-dejta ma tippreġudikax id-drittijiet sostantivi u proċedurali tiegħu li jfittex rimedji skont dispożizzjonijiet oħrajn tal-liġi nazzjonali jew internazzjonali.

*Klawżola 8*

**Kooperazzjoni mal-awtoritajiet ta' superviżjoni**

1. L-esportatur tad-dejta jaqbel li jiddepożita kopja ta' dan il-kuntratt mal-awtorità ta' superviżjoni jekk din titolbu jew jekk tali depożitu jkun mitlub skont il-liġi applikabbli dwar il-protezzjoni tad-dejta.

2. Il-partijiet jaqblu li l-awtorità ta' superviżjoni għandha d-dritt li twettaq verifika tal-importatur tad-dejta, u ta' kwalunkwe sottoproċessur, li għandu l-istess ambitu u huwa suġġett għall-istess kundizzjonijiet li japplikaw għall-verifika tal-esportatur tad-dejta taħt il-liġi applikabbli dwar il-protezzjoni tad-dejta.

3. L-importatur tad-dejta għandu jinforma fil-pront lill-esportatur tad-dejta dwar l-eżistenza ta' leġiżlazzjoni applikabbli għalih jew għal kwalunkwe sottoproċessur li timblokka l-kondotta ta' verifika ta' importatur tad-dejta, jew ta' kwalunkwe sottoproċessur, skont il-paragrafu 2. F'każ bħal dan l-esportatur tad-dejta għandu jkun intitolat li jieħu l-miżuri previsti fi Klawżola 5 (b).

*Klawżola 9*

**Liġi Regolatorja**

Il-Klawżoli għandhom ikunu rregolati mil-liġi tal-Istat Membru fejn l-esportatur tad-dejta huwa stabbilit, jiġifieri ..............................................................................

*Klawżola 10*

**Varjazzjoni tal-kuntratt**

Il-partijiet jintrabtu li la jvarjaw u lanqas jimmodifikaw il-Klawżoli. Dan ma jipprekludix lill-partijiet milli jżidu klawżoli jew kwistjonijiet relatati man-negozju fejn ikun meħtieġ sakemm ma jmorrux kontra lKlawżola.

*Klawżola 11*

**Sottoproċessar**

1. L-importatur tad-dejta m'għandu jagħti b'sottokuntratt l-ebda waħda mill-operazzjonijiet ta' pproċessar tiegħu mwettqin f'isem l-esportatur tad-dejta taħt il-Klawżoli mingħajr il-kunsens bil-miktub u minn qabel tal-esportatur tad-dejta. Fejn l-importatur tad-dejta, bil-kunsens tal-esportatur tad-dejta, jagħti b'sottokuntratt l-obbligi tiegħu taħt il-Klawżoli, għandu jagħmel dan biss permezz ta' qbil bil-miktub mas-sottoproċessur li jimponi l-istess obbligi fuq is-sottoproċessur kif inhuma imposti fuq l-importatur tad-dejta skont il-Klawżoli ([1]). Fejn is-sottoproċessur jonqos milli jonora l-obbligi tal-protezzjoni tad-dejta taħt tali ftehim bil-miktub l-importatur tad-dejta għandu jibqa' responsabbli mija fil-mija lejn l-esportatur tad-dejta għall-prestazzjoni tal-obbligi tas-sottoproċessur taħt tali ftehim.

([1]) Dan ir-rekwiżit jista jiġi ssodisfatt mis-sottoproċessur li wkoll jiffirma l-kuntratt li jkun sar bejn l-esportatur tad-dejta u l-importatur tad-dejta skont din id-Deċiżjoni.

▼B

2. Il-kuntratt miktub li jkun bejn l-importatur tad-dejta u s-sottoproċessur għandu jipprovdi wkoll għal klawżola tal-parti terza benefiċjarja kif stipulata fi Klawżola 3 għall-każijiet fejn is-Suġġett tad-Dejta mhux kapaċi jagħmel il-talba għal kumpens imsemmija fil-paragrafu 1 tal- Klawżola 6, kontra l-Esportatur tad-Dejta jew l-Importatur tad-Dejta għaliex fattwalment ikunu għebu jew waqfu jeżistu legalment jew saru insolventi sakemm ma jkunx hemm entità suċċessur li tkun ħadet fuqha l-obbligi legali kollha tal-esportatur tad-dejta jew l-importatur tad-dejta bil-kuntratt jew permezz ta' operat tal-liġi. Responsabbiltà bħal din ta' parti terza tas-sottoproċessur għandha tkun limitata għall-operazzjonijiet ta' pproċessar tagħha taħt il-Klawżoli.

3. Id-dispożizzjonijiet li għandhom x'jaqsmu mal-aspetti tal-protezzjoni tad-dejta għas-sottoproċessar tal-kuntratt imsemmijin fil-paragrafu 1 għandhom ikunu rregolati mil-liġi tal-Istat Membru fejn l-esportatur tad-dejta huwa stabbilit, jiġifieri ..............................................................................................................................

4. L-esportatur tad-dejta għandu jżomm lista ta' ftehimiet tas-sottoproċessar konklużi skont il-Klawżoli u nnotifikati mill-importatur tad-dejta skont Klawżola 5 j), li għandha tkun aġġornata mill-anqas darba fis-sena. Il-lista għandha tkun disponibbli għall-awtorità superviżorja tal-protezzjoni tad-dejta tal-esportatur tad-dejta.

*Klawżola 12*

**Obbligu wara t-terminazzjoni tas-servizzi tal-ipproċessar tad-dejta personali**

1. Il-partijiet jaqblu li dwar it-terminazzjoni tad-dispożizzjoni tas-servizzi tal-ipproċessar tad-dejta, l-importatur tad-dejta u s-sottoproċessur għandhom, skont l-għażla tal-esportatur tad-dejta, jirritornaw id-dejta personali kollha trasferita u l-kopji tagħha lill-esportatur tad-dejta jew għandhom jiddistruġġu d-dejta personali kollha u jiċċertifikaw lill-esportatur tad-dejta li jkunu għamlu hekk, sakemm ma jkunx hemm leġiżlazzjoni imposta fuq l-importatur tad-dejta li twaqqfu milli jirritorna jew jiddistruġġi parti mid-dejta personali trasferita jew kollha kemm hi. F'dak il-każ, l-importatur tad-dejta jintrabat li jiggarantixxi l-kunfidenzjalità tad-dejta personali trasferita u ma jkomplix iżjed bl-ipproċessar attiv tad-dejta personali trasferita.

2. L-importatur tad-dejta u s-sottoproċessur jiggarantixxu li fuq talba tal-esportatur tad-dejta u/jew l-awtorità superviżorja, jissottomettu l-faċilitajiet tagħhom tal-ipproċessar tad-dejta għal verifika tal-miżuri msemmija fil-paragrafu 1.

**F'isem l-esportatur tad-dejta:**

Isem (miktub sħiħ): ....................................................................................................

Kariga: ..........................................................................................................................

Indirizz: ........................................................................................................................

Informazzjoni oħra meħtieġa sabiex il-kuntratt ikun jorbot (jekk hemm):

Firma ..............................................................................................

(timbru tal-organizzazzjoni)

▼B

**F'isem l-importatur tad-dejta:**

Isem (miktub sħiħ): ....................................................................................................

Kariga: ...........................................................................................................................

Indirizz: .........................................................................................................................

Informazzjoni oħra meħtieġa sabiex il-kuntratt ikun jorbot (jekk hemm):

Firma .................................................................................

(timbru tal-organizzazzjoni)

▼B

*Appendiċi 1*

**Għall-klawżoli kuntrattwali standard**

Dan l-Appendiċi jifforma parti mill-Klawżoli u għandu jimtela u jiġi ffirmat mill-partijiet

L-Istati Membri jistgħu jimlew jew jispeċifikaw, skont il-proċeduri nazzjonali tagħhom, kwalunkwe informazzjoni addizzjonali meħtieġa biex tiġi inkluża f'dan l-Appendiċi

**Esportatur tad-dejta**

L-esportatur tad-dejta (jew jogħġbok speċifika fil-qosor l-attivitajiet tiegħek relevanti għat-trasferiment)

...

...

...

**Importatur tad-dejta**

L-importatur tad-dejta (jew jogħġbok speċifika fil-qosor l-attivitajiet tiegħek relevanti għat-trasferiment)

...

...

...

**Suġġetti tad-dejta**

Id-dejta personali trasferita għandha x'taqsam mal-kategoriji ta' dejta li ġejjin tas-suġġetti tad-dejta (jekk jogħġbok speċifika):

...

...

...

**Kategoriji tad-dejta**

Id-dejta personali trasferita għandha x'taqsam mal-kategoriji ta' dejta li ġejjin (jekk jogħġbok speċifika):

...

...

...

**Kategoriji speċjali tad-dejta (jekk hu l-każ)**

Id-dejta personali trasferita għandha x'taqsam mal-kategoriji speċjali ta' dejta li ġejjin (jekk jogħġbok speċifika):

...

...

...

**Operazzjonijiet ta' pproċessar**

Id-dejta personali trasferita se tkun suġġetta għall-attivitajiet bażiċi ta' pproċessar li ġejjin (jekk jogħġbok speċifika):

...

...

...

▼**B**

ESPORTATUR TAD-DEJTA

Isem: ..............................................................................................................................

Firma Awtorizzata .........................................................................................................

IMPORTATUR TAD-DEJTA

Isem: ..............................................................................................................................

Firma Awtorizzata .........................................................................................................

▼B

*Appendiċi 2*

**għall-klawżoli kuntrattwali standard**

Dan l-Appendiċi jifforma parti mill-Klawżoli u għandu jimtela u jiġi ffirmat mill-partijiet

**Deskrizzjoni tal-miżuri tekniċi u organizzattivi ta' sigurtà implimentati mill-importatur tad-dejta skont il-Klawżoli 4(d) u 5(c) (jew id-dokument/leġiżlazzjoni mehmuż/a):**

...............................................................................................................................

...............................................................................................................................

...............................................................................................................................

...............................................................................................................................

**KLAWŻOLA INDENIZZI ILLUSTRATTIVA (MHUX OBBLIGATORJA)**

**Responsabbiltà**

Il-partijiet jaqblu li jekk parti waħda tinżamm responsabbli għall-ksur tal-klawżoli li jkun sar mill-parti l-oħra, tal-aħħar, sa fejn tkun responsabbli, tindennizza lill-ewwel parti għal kull spiża, imposta, ħsarat jew telf li tkun ġarrbet.

L-indennizzi hija kontinġenti fuq:

(a) li l-esportatur tad-dejta jinnotifika fil-pront lill-importatur tad-dejta bi pretensjoni; kif ukoll

(b) li l-importatur tad-dejta jingħata l-possibbiltà li jikkoopera mal-esportatur tad-dejta fid-difiża u t-tpaċija tal-pretensjoni ([1]).

([1]) Il-paragrafu fuq ir-responsabbiltajiet mhuwiex obbligatorju.